**Kunsill**
**tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 3 ta' Lulju 2018**
**(OR. en)**

**10755/18**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0269 (NLE)**

| | |
|---|---|
| **COASI 168** | **AGRI 329** |
| **ASIE 32** | **TRANS 305** |
| **CFSP/PESC 649** | **ENV 491** |
| **RELEX 607** | **ENER 265** |
| **COHOM 91** | **ECOFIN 697** |
| **CONOP 58** | **EDUC 277** |
| **COTER 93** | **CULT 83** |
| **WTO 173** | **CLIMA 128** |
| **JAI 727** | **MIGR 99** |
| **DEVGEN 118** | **ASEM 1** |

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Lulju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | JOIN(2018) 20 final |
| Suġġett: | Proposta Konġunta għal ANNESS ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2018) 20 final - Annex.

---

Mehmuż: JOIN(2018) 20 final

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 3.7.2018
JOIN(2018) 20 final

ANNEX

**ANNESS**

**ta' […]**

Proposta Konġunta għal

**Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra**

**FTEHIM QAFAS DWAR SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA WAĦDA, U L-GVERN TAL-MALASJA, MIN-NAĦA L-OĦRA**

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni" jew "l-UE",

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Istati Membri”,

min-naħa waħda,

u

IL-GVERN TAL-MALASJA, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Malasja”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn ‘il quddiem imsejħa singularment bħala “l-Parti” u konġuntament bħala “l-Partijiet”,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet tradizzjonali ta' ħbiberija bejn il-Partijiet u r-rabtiet storiċi, politiċi u ekonomiċi mill-qrib li jagħqduhom;

FILWAQT LI JAGĦTU importanza partikolari lin-natura komprensiva tar-relazzjoni reċiproka tagħhom;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li dan il-Ftehim jifforma parti minn relazzjoni usa' u koerenti bejniethom permezz ta' ftehimiet li għalihom huma parti;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-valur tat-tolleranza, l-aċċettazzjoni u r-rispett reċiproku f'komunità internazzjonali varjata u multidimensjonali, u filwaqt li jagħrfu l-importanza tal-moderazzjoni;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tal-Partijiet għar-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ("UDHR") u strumenti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali rilevanti oħrajn applikabbli għall-Partijiet;

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta tagħhom lejn il-prinċipji tal-istat tad-dritt u ta' governanza tajba, u x-xewqa tagħhom li jippromwovu l-progress ekonomiku u soċjali għall-popli tagħhom, b'kont meħud tal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli kif ukoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali,

FILWAQT LI JIXTIEQU li jtejbu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-istabbiltà, il-ġustizzja u s-sigurtà internazzjonali bħala prekundizzjoni bażika għall-promozzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, il-qerda tal-faqar u l-promozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ("Aġenda 2030") adottata mir-Riżoluzzjoni 70/1 (2015) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU") "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli) fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-25 ta' Settembru 2015;

FILWAQT LI JQISU t-terroriżmu bħala theddida għas-sigurtà globali u filwaqt li jixtiequ jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom fil-qlieda kontra t-terroriżmu, skont l-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU"), b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-KSNU;

FILWAQT LI JESPRIMU l-impenn tagħhom li jipprevjenu u jiġġieldu kull forma ta' terroriżmu u għall-istabbiliment ta' strumenti internazzjonali effettivi sabiex tiġi żgurata l-qerda tiegħu;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi miġġieled it-terroriżmu għandha tikkonforma mal-obbligi tal-Partijiet taħt il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID li l-aktar reati kriminali serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali ma jistgħux ma jiġux puniti u filwaqt li jikkunsidraw it-tribunali kriminali internazzjonali, inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali, bħala żviluppi importanti għall-paċi u l-ġustizzja internazzjonali;

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-fehma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva ("AQM") u l-mezzi ta' forniment tagħhom huma ta' theddida ewlenija għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u jixtiequ jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-moviment mhux ikkontrollat ta' armi konvenzjonali huwa ta' theddida għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jikkooperaw sabiex jiżguraw it-trasferiment responsabbli ta' armi konvenzjonali u sabiex jiġi indirizzat il-kummerċ illeċitu f'armi ħfief u ta' kalibru żgħir inkluż il-munizzjoni tagħhom;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tas-7 ta' Marzu 1980 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Indoneżja, il-Malasja, il-Filippini, Singapore u t-Tajlandja – pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja ("ASEAN"), u l-protokolli ta' adeżjoni sussegwenti;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-tisħiħ tar-relazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet bil-ħsieb li tittejjeb il-kooperazzjoni bejniethom, u r-rieda komuni tagħhom li jikkonsolidaw, japprofondixxu u jiddiversifikaw ir-relazzjonijiet tagħhom f'oqsma ta' interess reċiproku;

FILWAQT LI JESPRIMU l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-aspetti kollha tal-iżvilupp sostenibbli, inkluż il-protezzjoni ambjentali u l-kooperazzjoni effettiva sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;

FILWAQT LI JESPRIMU l-impenn tagħhom għall-promozzjoni ta' standards tax-xogħol u soċjali rikonoxxuti fuq livell internazzjonali;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni;

FILWAQT LI JINNOTAW li fil-każ li l-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja li jistgħu jiġu konklużi mill-Unjoni skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet futuri ma jkunux jorbtu lir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ħlief jekk l-Unjoni, simultanjament mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti rispettivi tagħhom, ma jinnotifikawx lill-Malasja li r-Renju Unit u/jew l-Irlanda sar(u) marbut(a) minn tali ftehimiet bħala parti mill-Unjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u mat-TFUE. Bl-istess mod, kwalunkwe miżura interna sussegwenti tal-Unjoni li tista' tiġi adottata skont it-Titolu V imsemmi hawn fuq għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ma torbotx lir-Renju Unit u/jew l-Irlanda, dment li ma jkunux innotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem f'tali miżuri jew jaċċettawhom f'konformità mal-Protokoll Nru 21. Filwaqt li jinnotaw ukoll li, tali ftehimiet futuri jew miżuri interni sussegwenti tal-Unjoni jkunu jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għall-imsemmija Trattati,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## TITOLU I

## NATURA U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

### Artikolu 1

### Bażi għal kooperazzjoni

1. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stabbilit fl-UDHR u strumenti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali rilevanti oħra applikabbli għall-Partijiet, u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, jirfed il-politiki interni u internazzjonali tal-Partijiet, u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jikkonfermaw il-valuri kondiviżi tagħhom kif espressi fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, jikkooperaw sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima kif ukoll il-globalizzazzjoni, u li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-iżvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari għat-tisħiħ ta' sħubija globali għall-iżvilupp kif imġedda fl-Aġenda 2030.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-prinċipji ta' governanza tajba fl-aspetti kollha tagħha.

5. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tkun ibbażata fuq il-prinċipji tad-djalogu, ir-rispett reċiproku, is-sħubija ugwali, il-kunsens, u r-rispett għad-dritt internazzjonali.

6. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandha tiġi implimentata permezz tal-liġijiet, ir-regoli, ir-regolamenti u l-politiki rispettivi tagħhom.

### Artikolu 2

### Għanijiet tal-kooperazzjoni

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li tiġi stabbilita sħubija msaħħa bejn il-Partijiet u li tiġi approfondita u mtejba l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, filwaqt li jiġu riflessi valuri kondiviżi u prinċipji komuni.

## TITOLU II

## KOOPERAZZJONI BILATERALI, REĠJONALI U INTERNAZZJONALI

### Artikolu 3

### Kooperazzjoni f'fora u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali

1. Il-Partjiet jintrabtu li jiskambjaw fehmiet u li jikkooperaw f'fora u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali bħan-NU u Aġenziji tan-NU rilevanti, id-djalogu UE-ASEAN, il-Forum Reġjonali ASEAN, il-Laqgħa Asja-Ewropa ("ASEM"), il-Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO").

2. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-gruppi ta' riflessjoni, l-akkademiċi, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-midja fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim. Din il-kooperazzjoni tista', b'mod partikolari, tinkludi l-għoti ta' taħriġ, workshops u seminars relatati, skambji ta' esperti, studji u azzjonijiet oħra miftiehma mill-Partijiet.

### Artikolu 4

### Kooperazzjoni reġjonali u bilaterali

Għal kull settur ta' djalogu u kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim, u filwaqt li tingħata enfasi lil kwistjonijiet taħt il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Malasja, il-Partijiet jistgħu wkoll, bi ftehim reċiproku, jaħdmu flimkien permezz ta' attivitajiet fil-livell reġjonali jew permezz ta' taħlita taż-żewġ oqfsa, b'kont meħud tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet regjonali tar-raggruppament reġjonali kkonċernat. F'dan ir-rigward, fl-għażla tal-qafas xieraq, il-Partijiet ser jippruvaw jimmassimizzaw l-impatt fuq il-partijiet ikkonċernati kollha u jsaħħu l-involviment tagħhom, filwaqt li jsir l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi disponibbli u tiġi żgurata koerenza ma' attivitajiet oħra.

## TITOLU III

## KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-PAĊI, SIGURTÀ U STABBILTÀ INTERNAZZJONALI

### Artikolu 5

### Ġlieda kontra t-terroriżmu

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-istat tad-dritt u l-liġi internazzjonali, inkluża l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja, b'kont meħud tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu, li hija inkluża fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 60/288 (2006) kif riveduta mir-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 62/272 (2008) u 64/297 (2010). Fi ħdan dan il-qafas, huma jaqblu li jikkooperaw fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-atti terroristiċi, b'mod partikolari:

(a) fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-KSNU 1267 (1999), 1373 (2001) u 1822 (2008), kif ukoll riżoluzzjonijiet rilevanti oħra tan-NU, u r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet u strumenti internazzjonali rilevanti;

(b) billi jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom f'konformità mal-liġi internazzjonali u dik domestika;

(c) billi jiskambjaw fehmiet dwar il-mezzi u l-metodi użati għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-inċitament ta' atti terroristiċi, inkluż fil-qasam tekniku u fit-taħriġ, u billi jiskambjaw esperjenza fir-rigward tal-prevenzjoni tat-terroriżmu;

(d) billi jikkooperaw sabiex japprofondixxu l-kunsens internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu u fil-qafas normattiv xieraq, u billi jaħdmu lejn ftehim dwar il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali kemm jista' jkun malajr, sabiex jiġu kkumplimentati l-istrumenti eżistenti tan-NU u strumenti internazzjonali applikabbli oħra għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

(e) billi jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-NU bil-mezzi kollha xierqa;

(f) billi jimplimentaw u jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fi ħdan l-oqfsa ta' djalogu UE-ASEAN u tal-ASEM;

(g) billi jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

### Artikolu 6

### Reati kriminali serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-aktar reati kriminali serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali bħala ħaġa waħda ma jistgħux ma jiġux puniti u li għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġu indirizzati dawk ir-reati kriminali, skont il-każ, fil-livell domestiku jew internazzjonali skont il-liġijiet rispettivi u l-obbligi internazzjonali applikabbli tal-Partijiet. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu mezzi diplomatiċi, umanitarji u mezzi paċifiċi oħra kif ukoll tribunali u qrati kriminali internazzjonali.

2. Il-Partijiet iqisu t-tribunali kriminali internazzjonali, inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali, bħala żvilupp importanti għall-paċi u l-paċi internazzjonali.

3. Il-Partijiet itennu mill-ġdid l-importanza ta’ kooperazzjoni ma’ dawk il-qrati u t-tribunali f’konformità mal-liġijiet rispettivi u l-obbligi internazzjonali applikabbli tal-Partijiet.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-ħsieb li tiġi promossa l-universalità tal-Istatut ta’ Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

## Artikolu 7

## L-armi tal-qerda massiva

1. Il-Partijiet itennu mill-ġdid l-objettiv tat-tisħiħ tar-reġimi internazzjonali dwar l-AQM. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni tal-AQM u l-mezzi tal-konsenja tagħhom, kemm lil atturi tal-Istat kif ukoll li dawk mhux tal-Istat, tirrappreżenta waħda mill-aktar theddid serju għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali permezz ta’ konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tagħhom, u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom, skont it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali ta’ diżarm u nonproliferazzjoni u skont obbligi internazzjonali rilevanti oħra fil-qafas tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta’ dan il-Ftehim.

2. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reġimi internazzjonali ta’ nonproliferazzjoni u diżarm billi:

(a) jieħdu passi, kif xieraq, biex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu ma’, u biex jimplimentaw bis-sħiħ, l-istrumenti internazzjonali rilevanti l-oħra kollha dwar l-AQM, u jippromwovu l-aderenza universali magħhom;

(b) jimplimentaw u jiżviluppaw ulterjorment kontrolli nazzjonali effettivi fuq l-esportazzjoni, fejn jiġu kkontrollati l-esportazzjoni u t-tranżitu ta’ merkanzija relatata ma' AQM, inkluż kontroll tal-utent aħħari ta' AQM fuq teknoloġiji b’użu doppju u li jkunu jinkludu sanzjonijiet effettivi għal ksur ta’ kontrolli fuq l-esportazzjoni;

(c) jippromwovu l-adozzjoni universali u l-implimentazzjoni sħiħa tat-trattati multilaterali applikabbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' kontrolli fuq l-esportazzjoni m'għandhiex tfixkel il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-materjal, it-tagħmir u t-teknoloġija għal skopijiet paċifiċi, filwaqt li l-għanijiet ta' użu paċifiku m'għandhomx jintużaw bħala kopertura għall-proliferazzjoni.

4. Il-Partijiet jaqblu dwar djalogu politiku regolari li jakkumpanja u jikkonsolida dawk l-impenji. Dan id-djalogu jista' jsir fuq bażi reġjonali.

## Artikolu 8

## Armi konvenzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li dawn il-kontrolli jiġu applikati b’mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija umana, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-diverżjoni ta’ armi konvenzjonali.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir, inkluż il-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, il-ġestjoni ħażina, ħażniet mhux siguri biżżejjed u t-tixrid mhux ikkontrollat tagħhom ikomplu jkunu ta' theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

3. Il-Partijiet jaqblu li josservaw u jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi rispettivi biex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu f'armi żgħar u ta' kalibru żgħir, inkluż il-munizzjon tagħhom, taħt ftehimiet internazzjonali eżistenti u riżoluzzjonijiet tal-KSNU, kif ukoll impenji fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħra applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm tan-NU ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda u l-Qerda tal-Kummeċ Illeċitu f'Armi Żgħar u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti kollha tiegħu.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-livell bilaterali, reġjonali u dak internazzjonali fir-rigward tal-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw it-trasferiment responsabbli ta' armi konvenzjonali u biex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu f'armi żgħar u ta' kalibru żgħir inkluż il-munizzjon tagħhom. Il-Partijiet jaqblu li jiżguraw il-koordinazzjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali f'armi konvenzjoni u sabiex jipprevjenu, jiġġieldu u jeqirdu l-kummerċ illeċitu fl-armi. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jinkludu kwistjonijiet relatati mal-armi konvenzjonali fil-qafas tad-djalogu politiku regolari eżistenti tagħhom.

## Artikolu 9

## Moderazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-ħsieb li jippromwovu l-moderazzjoni fid-djalogi meta jkunu qed jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib reċiproku.

2. Il-Partijiet għandhom jaqblu, fejn applikabbli, li jagħtu aktar importanza lill-valur tal-moderazzjoni f'fora reġjonali u internazzjonali.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fir-rigward tal-promozzjoni tal-moderazzjoni, inkluż billi jiffaċilitaw u jappoġġjaw attivitajiet rilevanti, kif ukoll jiskambjaw l-aħjar prattiki, informazzjoni u esperjenza.

## TITOLU IV

## KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT

### Artikolu 10

### Prinċipji ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jidħlu fi djalogu dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-investiment bil-ħsieb li jsaħħu u javvanzaw is-sistema kummerċjali multilaterali u l-kummerċ bilaterali bejniethom.

2. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-qasam tal-kummerċ u l-investiment, *inter alia*, billi jħabirku lejn ftehim ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet. Tali ftehim għandu jikkostitwixxi ftehim speċifiku fis-sens tal-Artikolu 52(2).

3. Il-Partijiet jaf ikunu jridu jiżviluppaw ir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom permezz ta' djalogu, kooperazzjoni u inizjattivi miftiehma b'mod reċiproku billi jindirizzaw, fost affarijiet oħra, l-oqsma msemmija fl-Artikoli 11 sa 17.

### Artikolu 11

### Sanitarji u fitosanitarji

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji ("SPS") għall-protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa umana, tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorju tal-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu u jiskambjaw informazzjoni dwar il-miżuri rispettivi kif definiti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u l-Kummissjoni Codex Alimentarius.

3. Il-Partijiet jaqblu li jimpenjaw ruħhom għall-kooperazzjoni fil-bini ta' kapaċità dwar kwistjonijiet tal-SPS. Dan il-bini tal-kapaċità għandu jkun speċifiku għall-ħtiġijiet ta' kull Parti u għandu jitwettaq bil-għan li l-Parti tiġi megħjuna tikkonforma mal-miżuri SPS tal-Parti l-oħra.

### Artikolu 12

### Ostakoli tekniċi għall-kummerċ

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-użu ta' standards internazzjonali u jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar standards, regolamenti tekniċi u proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ.

### Artikolu 13

### Dwana

Bil-ħsieb li jkun hemm sikurezza u sigurtà akbar fil-kummerċ internazzjonali u li jiġi żgurat approċċ bilanċjat bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet, il-Partijiet għandhom jikkondividu l-esperjenza, u jeżaminaw il-possibbiltajiet, fir-rigward ta':

(a) is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' importazzjoni, esportazzjoni u ta' proċeduri doganali oħra;

(b) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' assistenza amministrattiva reċiproka;

(c) l-iżgurar tat-trasparenza tar-regolamenti doganali u kummerċjali;

(d) l-iżvilupp ta' kooperazzjoni doganali;

(e) l-insegwiment ta' konverġenza ta' fehmiet u azzjoni konġunta fil-kuntest ta' inizjattivi internazzjonali rilevanti, inkluża l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

## Artikolu 14

## Investiment

Il-Partijiet għandhom iħeġġu fluss akbar ta' investiment permezz tal-iżvilupp ta' ambjent attraenti u stabbli għal investiment reċiproku permezz ta' djalogu konsistenti mmirat lejn it-titjib tal-fehim u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' investiment, l-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi għall-faċilitazzjoni tal-flussi ta' investiment, u l-promozzjoni ta' regoli stabbli, trasparenti, miftuħa u nondiskriminatorji għall-investituri.

## Artikolu 15

## Politika tal-kompetizzjoni

1. Il-Partijiet ser jippromwovu, u jistgħu jikkooperaw dwar, l-applikazzjoni effettiva ta' regoli tal-kompetizzjoni, filwaqt li jqisu l-kunċett ta' trasparenza u ġustizzja proċedurali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza għall-intrapriżi li jkunu qed joperaw fis-swieq ta' xulxin.

2. Il-Partijiet ser ikunu involuti f'attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament għal attivitajiet bħal dawn taħt l-istrumenti u l-programmi ta' kooperazzjoni tal-Partijiet.

## Artikolu 16

## Servizzi

Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu konsistenti b'mod partikolari mmirat lejn l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom, fil-promozzjoni tal-aċċess għas-swieq ta' xulxin, inkluż permezz ta' kummerċ elettroniku, fil-promozzjoni tal-aċċess għal sorsi ta' kapital u teknoloġija, u lejn il-promozzjoni tal-kummerċ fis-servizzi bejn iż-żewġ reġjuni u fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

## Artikolu 17

## Drittijiet ta' proprjetà intellettwali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza kbira li huma jagħtu lill-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi, u kull Parti tintrabat li tistabbilixxi l-miżuri xierqa bil-ħsieb li jkunu żgurati protezzjoni u infurzar adegwati, bilanċjati u effettivi ta' dawn id-drittijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, f'konformità mal-istandards internazzjonali li huma marbuta bihom. Il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijet tal-proprjetà intellettwali għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-innovazzjoni teknoloġika u t-trasferiment u disseminazzjoni tat-teknoloġija, għall-benefiċċju reċiproku tal-produtturi kollha u għall-utenti tal-għarfien teknoloġiku u b'mod li jagħti lok għall-ġid soċjali u ekonomiku, u bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi.

2. Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni u jikkondividu l-esperjenza dwar kwistjonijiet bħal:

(a) il-prattika, il-promozzjoni, id-disseminazzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni, il-ġestjoni, l-armonizzazzjoni u l-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(b) l-applikazzjoni, l-utilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni effettivi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(c) l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi miżuri fir-rigward tal-fruntiera.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-oqsma tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali ta' interess reċiproku għall-protezzjoni, l-utilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni effettivi tal-proprjetà intellettwali abbażi tal-esperjenzi tagħhom, u għandhom itejbu d-disseminazzjoni tal-għarfien dwarhom.

## TITOLU V

## KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA U S-SIGURTÀ

### Artikolu 18

### Stat tad-dritt u kooperazzjoni legali

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu importanza partikolari lit-tisħiħ tal-istat tad-dritt.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tar-rinfurzar tal-istituzzjonijiet rilevanti kollha, inkluża l-ġudikatura.

3. Il-kooperazzjoni legali bejn il-Partijiet se, *inter alia*, tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sistemi legali u l-leġiżlazzjoni.

### Artikolu 19

### Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw il-fehmiet u jikkondividu l-għarfien bil-ħsieb li jippromwovu livell għoli ta' protezzjoni ta' *data* personali abbażi tal-istandards internazzjonali applikabbli, inklużi l-UE, il-Kunsill tal-Ewropa u strumenti legali internazzjonali oħra.

### Artikolu 20

### Migrazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza ta' kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn it-territorji tagħhom. Bil-ħsieb li jsaħħu l-kooperazzjoni, il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu, kif u meta xieraq, djalogu li jindirizza kwalunkwe kwistjoni relatata mal-migrazzjoni ta' interess reċiproku, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 2. Kull Parti tista', kif tqis li jkun xieraq, tinkludi t-tħassib tagħha dwar il-migrazzjoni fl-istrateġiji tagħha għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, mill-perspettiva tagħha ta' pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u/jew ta' destinazzjoni tal-migranti. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni tista' tinkludi wkoll, *inter alia*, il-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika kif miftiehem mill-Partijiet.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet ser tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet u mwettqa permezz ta' konsultazzjoni reċiproka bejn il-Partijiet u għandha tiffoka fuq:

(a) il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni;

(b) skambju ta' fehmiet dwar prattiki u normi rilevanti għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali lil persuni fil-bżonn;

(c) l-istabbiliment ta' politika effettiva u preventiva kontra l-migrazzjoni irregolari, il-kuntrabandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż modi biex jiġu miġġielda n-netwerks ta' kuntrabandisti u traffikanti u biex jiġu protetti l-vittmi tat-traffikar;

(d) ir-ritorn, taħt kundizzjonijiet xierqa, umani u dinjitużi, ta' persuni li jkunu qed jirrisjedu illegalment, inkluża l-promozzjoni tar-ritorn volontarju tagħhom, u r-riammissjoni ta' tali persuni f'konformità mal-paragrafu 3;

(e) kwistjonijiet identifikati bħala li huma ta' interess reċiproku fil-qasam tal-viżi u s-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar;

(f) kwistjonijiet identifikati bħala li huma ta' interess reċiproku fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri.

3. Fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u mingħajr ħsara għall-bżonn ta' protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-Partijiet jaqblu wkoll li:

(a) il-Malasja għandha, soġġett għall-ħtieġa li tiġi kkonfermata ċ-ċittadinanza, iddaħħal lura kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tagħha preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, fuq talba ta' dan tal-aħħar u mingħajr ebda formalità oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 4;

(b) kull Stat Membru tal-UE għandu, soġġett għall-ħtieġa li tiġi kkonfermata ċ-ċittadinanza, idaħħal lura kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tiegħu preżenti illegalment fit-territorju tal-Malasja, fuq talba ta' din tal-aħħar u mingħajr ebda formalità oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 4.

4. Għall-fini tal-paragrafu 3, l-Istati Membri tal-UE u l-Malasja għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom mingħajr dewmien b'dokument tal-ivvjaġġar xieraq għal tali finijiet. F'każ fejn il-persuna li għandha tiddaħħal lura ma jkollha l-ebda dokument jew evidenza taċ-ċittadinanza tiegħu jew tagħha, ir-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari kompetenti tal-Malasja jew tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat, ser jagħmlu arranġamenti biex il-persuna tiġi intervistata sabiex tkun stabbilita ċ-ċittadinanza tiegħu jew tagħha. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet relatati mad-determinazzjoni taċ-ċittadinanza.

5. Jekk kwalunkwe parti tqis li dan huwa neċessarju, il-Partijiet għandhom jinnegozjaw ftehim bejn l-UE u l-Malasja li jirregola l-obbligi speċifiċi dwar ir-riammissjoni, inkluż obbligu dwar ir-riammissjoni ta' persuni li mhux ċittadini tagħhom iżda li għandhom awtorizzazzjoni ta' residenza valida maħruġa minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet jew li daħlu fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet filwaqt li kienu ġejjin direttament mit-territorju tal-Parti l-oħra.

## Artikolu 21

## Protezzjoni konsulari

Il-Malasja taqbel li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE rappreżentat għandhom jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru tal-UE li ma għandux rappreżentanza permanenti fil-Malasja, li huma effettivament f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni konsulari f'każ partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal lil ċittadini ta' dak l-Istat Membru tal-UE.

## Artikolu 22

## Drogi illeċiti

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw approċċ bilanċjat permezz tal-koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti inkluż, kif xieraq, mis-setturi tas-saħħa, tal-ġustizzja, tal-intern u dawk doganali, bil-għan li jitnaqqsu l-provvista, it-traffikar u

d-domanda għal drogi illeċiti kif ukoll jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi tal-abbuż tad-drogi għall-individwi u s-soċjetà inġenerali, u sabiex tinkiseb prevenzjoni aktar effettiva tad-diverżjoni tal-prekursuri tad-drogi.

2. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar il-mezzi ta' kooperazzjoni sabiex jinkisbu dawk l-objettivi. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji miftiehma b'mod komuni tal-Partijiet b'kunsiderazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, id-Dikjarazzjoni Politika u d-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji ta' Gwida Rigward it-Tnaqqis fid-Domanda tad-Drogi, adottata mill-għoxrin sessjoni speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-10 ta' Ġunju 1998 u d-Dikjarazzjoni Politika u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali Lejn Strateġija Integrata u Bilanċjata għall-Ġlieda Kontra l-Problema Dinjija tad-Drogi adottata fit-52 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi f'Marzu 2009.

3. Il-Partijiet ser jiskambjaw il-kompetenzi f'oqsma bħall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u politiki dwar l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet domestiċi u ċentri ta' informazzjoni, it-taħriġ tal-persunal, riċerka relatata mad-drogi, u l-prevenzjoni tad-diverżjoni ta' prekursuri użati għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

## Artikolu 23

## Kriminalità organizzata u korruzzjoni

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kriminalità ekonomika u finanzjarja kif ukoll il-korruzzjoni. Din il-kooperazzjoni għandha l-għan li timplimenta l-istrumenti internazzjonali applikabbli li għalihom huma parti, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokolli supplimentari tagħha, u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni.

## Artikolu 24

## Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-bżonn li jaħdmu lejn, u li jikkooperaw rigward, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom, li jinkludi istituzzjonijiet finanzjarji u negozji u professjonijiet mhux finanzjarji nominati, għall-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tar-rikavat minn attivitajiet kriminali serji.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni taħt il-paragrafu 1 għandha tippermetti skambji ta' informazzjoni rilevanti fil-qafas tal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tagħhom u tal-istandards internazzjonali applikabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, bħal dawk adottati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

3. Il-kooperazzjoni għandha tiġi estiża wkoll fil-forma ta' bini tal-kapaċità li għandha l-għan li tiġġieled il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki, kompetenzi u taħriġ, kif miftiehem mill-Partijiet.

## TITOLU VI

## KOOPERAZZJONI F'SETTURI OĦRAJN

### Artikolu 25

### Drittijiet tal-bniedem

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw f'oqsma li għandhom ikunu miftiehma b'mod reċiproku fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

2. Din il-kooperazzjoni tista', *inter alia*, tinkludi:

(a) skambji tal-aħjar prattiki fir-rigward tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni fil-livell domestiku, ir-rwol u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem tal-Partijiet;

(b) edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(c) djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jkollu sinifikat u li jissejjes fuq bażi wiesgħa;

(d) kooperazzjoni mal-korpi rilevanti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem.

### Artikolu 26

### Servizzi finanzjarji

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni bil-ħsieb li jinkisbu regoli u standards komuni aktar qrib xulxin fis-settur bankarju, f'dak tal-assigurazzjoni u f'partijiet oħra mis-settur finanzjarju, inklużi s-servizzi finanzjarji Iżlamiċi, u li jittejbu s-sistemi tal-kontabbiltà, tal-awditu u dawk superviżorji u regolatorji tagħhom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità għal dawk il-finijiet.

### Artikolu 27

### Djalogu dwar il-politika ekonomika

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw dwar il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ix-xejriet ekonomiċi rispettivi tagħhom u l-kondiviżjoni ta' esperjenza relatata ma' politiki ekonomiċi fil-kuntest tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni ekonomika reġjonali.

### Artikolu 28

### Governanza tajba fil-qasam tat-tassazzjoni

1. Il-Parijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta', u jintrabtu li jimplimentaw f'konformità mal-istandards internazzjonali, il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-tassazzjoni, jiġifieri t-trasparenza, l-iskambju ta' informazzjoni u l-evitar ta' prattiki tat-taxxa li jagħmlu ħsara sabiex jiġu promossi u żviluppati l-attivitajiet ekonomiċi.

2. Il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw fit-titjib tal-bini tal-kapaċità fil-qasam ta’ governanza tajba f'dak li għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni bil-għan li jinbnew il-kompetenzi kif jista’ jiġi miftiehem b'mod reċiproku.

## Artikolu 29

## Politika industrijali u intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju

Il-Partijiet, filwaqt li jqisu l-politiki u l-objettivi ekonomiċi rispettivi tagħhom, jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni fil-politika industrijali fl-oqsma kollha li jitqiesu xierqa, bil-ħsieb li tittejjeb il-kompettività tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (“SME”), *inter alia*, permezz:

(a) tal-iskambju ta’ informazzjoni u esperjenza dwar il-ħolqien ta’ kundizzjonijiet qafas għall-SMEs biex tittejjeb il-kompetittività tagħhom;

(b) tal-promozzjoni ta’ kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi, l-inkoraġġiment ta' investimenti konġunti u t-twaqqif ta' impriżi konġunti u ta' netwerks ta’ informazzjoni l-aktar permezz tal-programmi orizzontali eżistenti tal-Unjoni, l-istimolu b’mod partikolari tat-trasferimenti ta’ soft u hard technology bejn l-imsieħba;

(c) tal-forniment ta’ informazzjoni u l-istimular tal-innovazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-aċċess għall-finanzi, inkluż il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar;

(d) tal-iffaċilitar u l-appoġġ tal-attivitajiet rilevanti stabbiliti mis-setturi privati tal-Partijiet;

(e) tal-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-kontabbiltà kif ukoll il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, inkluż permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar in-negozju responsabbli;

(f) tar-riċerka konġunta u proġetti ta’ innovazzjoni f’oqsma industrijali magħżula kif miftiehem b'mod reċiproku.

## Artikolu 30

## Turiżmu

1. Il-Partijiet għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-iskambju ta’ informazzjoni u li jistabbilixxu l-aħjar prattiki sabiex jiżguraw l-iżvilupp bilanċjat u sostenibbli tat-turiżmu.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw kooperazzjoni fir-rigward tal-salvagwardja u l-armonizzazzjoni tal-potenzjal ta’ wirt naturali u kulturali, it-tnaqqas tal-impatti negattivi tat-turiżmu, u t-titjib tal-kontribut pożittiv tan-negozju tat-turiżmu għall-iżvilupp sostenibbli ta’ komunitajiet lokali, *inter alia* permezz tal-iżvilupp tal-ekoturiżmu, filwaqt li jiġu rispettati l-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali u indiġeni, u jittejjeb it-taħriġ fl-industrija tat-turiżmu.

## Artikolu 31

## Soċjetà tal-informazzjoni

1. Filwaqt li jirrikonoxxu li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (“ICT”) huma elementi ewlenin tal-ħajja moderna u ta’ importanza vitali għall-iżvilupp ekonomiku u

soċjali, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw fehmiet dwar il-politiki rispettivi tagħhom f'dan il-qasam bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku.

2. Kooperazzjoni f'dan il-qasam tista', *inter alia*, tiffoka fuq:

(a) il-parteċipazzjoni fi djalogu dwar l-aspetti differenti tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamenti dwar l-komunikazzjoni elettronika inkluż is-servizz universali, il-liċenzjar u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali, il-protezzjoni tad-*data* personali, u l-indipendenza u l-effiċjenza tal-awtoritajiet regolatorji;

(b) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks u s-servizzi tal-Partijiet;

(c) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar l-ICT;

(d) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni fir-rigward tar-riċerka bejn il-Partijiet fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(e) il-kooperazzjoni dwar it-televiżjoni diġitali, inkluż l-iskambju ta' esperjenzi dwar l-iskjerament, l-aspetti regolatorji u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tal-ispettru;

(f) aspetti ta' sigurtà tal-ICT, kif ukoll il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.

## Artikolu 32

## Ċibersigurtà

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar iċ-ċibersigurtà permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar strateġiji, politiki u l-aħjar prattiki f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-obbligi internazzjonali tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, l-użu ta' standards u r-riċerka u l-iżvilupp.

## Artikolu 33

## Awdjoviżiv u midja

Il-Partijiet ser jikkunsidraw mezzi biex iħeġġu l-iskambji, il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn l-istituzzjonijiet rilevanti fl-oqsma tal-awdjoviżiv u l-midja. Il-Partijiet jaqblu dwar djalogu regolari f'dawk l-oqsma.

## TITOLU VII

## KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAX-XJENZA, IT-TEKNOLOĠIJA U L-INNOVAZZJONI

### Artikolu 34

### Xjenza, teknoloġija u innovazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu, jiżviluppaw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni f'oqsma ta' interess u benefiċċju reċiproku f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli, ir-regolamenti u l-politiki rispettivi tal-Partijiet.

2. L-oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu l-bijoteknoloġija, l-ICT, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġiji industrijali u materjali, in-nanoteknoloġija, it-teknoloġija tal-ispazju, ix-xjenza tal-baħar u l-enerġija rinnovabbli.

3. Il-forom ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar politiki u programmi dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;

(b) il-promozzjoni ta' sħubiji strateġiċi dwar ir-riċerka bejn il-komunitajiet xjentifiċi, iċ-ċentri ta' riċerka, l-universitajiet u l-industrija tal-Partijiet;

(c) il-promozzjoni tat-taħriġ u l-iskambju tar-riċerkaturi.

4. Dawk l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' reċiproċità, trattament ġust u benefiċċji reċiproċi, u jiżguraw protezzjoni adegwata tal-proprjetà intellettwali.

5. Fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, il-Partijiet għandhom jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, iċ-ċentri ta' riċerka u s-setturi produttivi rispettivi tagħhom.

6. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-għarfien pubbliku dwar il-programmi u l-kooperazzjoni rispettiva tagħhom fir-rigward tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u dwar il-possibbiltajiet offruti minn tali programmi.

### Artikolu 35

### Teknoloġiji ekoloġiċi

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fis-settur tat-teknoloġija ekoloġika bil-ħsieb li:

(a) tiġi ffaċilitata l-inkorporazzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi f'setturi bħall-enerġija, il-bini, il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart u t-trasportazzjoni;

(b) jiġi promoss il-bini tal-kapaċità fis-settur tat-teknoloġija ekoloġika li tista' tinkludi l-kooperazzjoni dwar strumenti regolatorji u bbażati fuq is-suq, bħall-finanzjament ta' teknoloġija ekoloġika, l-akkwist ekoloġiku u l-eko-tikkettar, kif miftiehem b'mod reċiproku;

(c) tiġi promossa l-edukazzjoni pubblika u l-għarfien dwar teknoloġiji ekoloġiċi u l-inkoraġġiment tal-użu mifrux tagħhom;

(d) jiġu promossi u skjerati teknoloġiji, prodotti u servizzi ambjentali.

2. Il-kooperazzjoni tista' tieħu l-forma ta' djalogu bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti, skambju ta' informazzjoni, programmi ta' skambju ta' persunal, żjarat ta' studju, seminars u workshops.

**Artikolu 36**

**Enerġija**

1. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex itejbu l-kooperazzjoni fis-settur tal-enerġija sabiex:

(a) jiġu diversifikati l-provvista tal-enerġija, il-mezzi u s-sorsi ta' enerġija sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, jiġu żviluppati forom ta' enerġija ġodda, sostenibbli, innovattivi u rinnovabbli, inklużi l-bijofjuwils, il-bijomassa u l-bijogass, l-enerġija eolika u dik solari kif ukoll il-ġenerazzjoni idroelettrika, filwaqt li jkun appoġġjat l-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika u ta' rotot ta' trasportazzjoni u trażmissjoni xierqa;

(b) tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija;

(c) jiġi mrawwem it-trasferiment ta' teknoloġija mmirata lejn il-produzzjoni u l-użu ta' enerġija sostenibbli;

(d) tittejjeb il-kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima relatati mal-enerġija taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC");

(e) jittejjeb il-bini tal-kapaċità u jiġu ffaċilitati l-investimenti fil-qasam.

2. Għal dawk il-finijiet, il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-kuntatti u, fejn ikun il-każ, ir-riċerka konġunta għall-benefiċċju reċiproku tal-Partijiet, inkluż permezz ta' oqfsa reġjonali u internazzjonali. B'referenza għall-Artikolu 39 u l-konklużjonijiet tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ("WSSD") li seħħ f'Johannesburg fl-2002, il-Partijiet jinnotaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-rabtiet bejn l-aċċess affordabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli. Dawk l-attivitajiet jistgħu jiġu promossi f'kooperazzjoni mal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Enerġija, imnedija fid-WSSD.

**Artikolu 37**

**Trasport**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw b'mod attiv f'oqsma ta' interess reċiproku. Dik il-kooperazzjoni ser tkopri l-modi ta' trasport kollha u l-konnettività tiegħu u għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-moviment ta' merkanzija u passiġġieri, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà, is-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u ż-żieda fl-opportunitajiet ta' kummerċ u investiment.

2. Fis-settur tal-avjazzjoni, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandu jkollha l-għan li tippromwovi, *inter alia*:

(a) l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi bbażati fuq qafas regolatorju koerenti bl-objettiv li jiġi faċilitat in-negozju;

(b) il-konverġenza teknika u regolatorja fir-rigward tas-sigurtà, is-sikurezza, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, ir-regolamentazzjoni ekonomika u l-protezzjoni ambjentali;

(c) it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra;

(d) proġetti ta' interess reċiproku;

(e) kooperazzjoni f'fora internazzjonali.

3. Fis-settur tat-trasport marittimu, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandu jkollha l-għan li, *inter alia*:

(a) djalogu dwar kwistjonijiet rilevanti, bħall-aċċess għas-swieq tat-trasport marittimu internazzjonali u l-kummerċ fuq bażi kummerċjali u nondiskriminatorja, it-trattament nazzjonali u klawsola tal-pajjiż l-aktar favorit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tal-Malasja, jew li huma mħaddma minn ċittadini jew kumpaniji tagħhom, kif ukoll kwistjonijiet relatati ma' servizzi ta' trasport bieb bieb, esklużi n-negozji ta' kabotaġġ;

(b) skambju ta' fehmiet u l-aħjar prattiki, fejn applikabbli, dwar is-sigurtà, is-sikurezza, inklużi miżuri sabiex ikunu miġġielda l-piraterija u s-serq bl-armi fuq il-baħar, u proċeduri, standards u regolamenti ta' protezzjoni ambjentali, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(c) kooperazzjoni f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra, u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

4. Il-Partijiet jistgħu jesploraw kwalunkwe ambitu possibbli għal kooperazzjoni mtejba f'oqsma ta' interess reċiproku.

## Artikolu 38

## Edukazzjoni u kultura

1. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u l-kultura li tirrispetta b'mod xieraq id-diversità tagħhom, sabiex jiżdied il-fehim reċiproku u l-għarfien dwar il-kulturi rispettivi tagħhom. Għal dak il-għan, il-Partijiet ser jappoġġjaw u jippromwovu l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet kulturali tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu l-iskambji kulturali, inklużi skambji diretti bejn in-nies, u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi sferi kulturali, inkluża kooperazzjoni fil-konservazzjoni tal-wirt kulturali b'ħarsien tad-diversità kulturali. F'dak ir-rigward, il-Partijiet jaqblu wkoll li jkomplu jappoġġjaw l-attivitajiet tal-Fondazzjoni Asja-Ewropa.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw u jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura ("UNESCO"), sabiex jiġu segwiti objettivi komuni u tiġi promossa d-diversità kulturali kif ukoll il-protezzjoni tal-wirt kulturali. Il-Partijiet ser jippromwovu u jaderixxu mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni Universali tal-UNESCO dwar id-Diversità Kulturali.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu wkoll azzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' programmi fl-edukazzjoni għolja u għall-mobilità u t-taħriġ tar-riċerkaturi, inkluż il-programm tal-UE Erasmus+ u l-azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie. Dawk għadhom, *inter alia*, jappoġġjaw il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, iħeġġu l-mobilità tal-istudenti, ir-riċerkaturi, il-persunal akkademiku u l-esperti, jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni u l-kompetenzi, jgħinu l-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-kwalità meta persuni jgħallmu u jitgħallmu. L-azzjonijiet għandhom ikopru wkoll il-kooperazzjoni istituzzjonali permezz ta' korpi bħall-Istitut Asja-Ewropa.

**Artikolu 39**

**Ambjent u riżorsi naturali**

1. Filwaqt li jfakkru fl-eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp li saret f'Rio de Janeiro fl-1992, id-WSSD u l-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li saret f'Rio de Janeiro fl-2012 (Rio + 20), kif ukoll l-Aġenda 2030, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali applikabbli għandha titqies fl-attivitajiet kollha mwettqa mill-Partijiet taħt dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika jiġu konservati u ġestiti b'mod sostenibbli bħala bażi għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, b'mod partikolari f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu. Dawn jintrabtu li jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati taħt dawk il-Konvenzjonijiet, inkluż permezz ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, inkluż fi programmi reġjonali, skambju tal-aħjar prattiki, djalogi politiċi u regolatorji, konferenzi u workshops, speċifikament fir-rigward:

(a) tal-promozzjoni ta' kuxjenza ambjentali u parteċipazzjoni aħjar tal-komunitajiet lokali kollha, fi sforzi ta' protezzjoni ambjentali u ta' żvilupp sostenibbli;

(b) tal-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil fil-klima b'mod partikolari fir-rigward tal-impatti fuq l-ekosistemi u r-riżorsi naturali;

(c) tal-promozzjoni tal-bini tal-kapaċità b'rabta mal-parteċipazzjoni fi, u l-implimentazzjoni ta', ftehimiet ambjentali multilaterali applikabbli li huma vinkolanti fuqhom;

(d) tat-titjib tal-kooperazzjoni għall-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni b'mod sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti u fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali u l-kummerċ assoċjat miegħu;

(e) tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inklużi speċijiet f'periklu li jinqerdu, il-ħabitat u d-diversità ġenetika tagħhom, it-titjib fil-kooperazzjoni dwar speċi aljeni invażivi ta' tħassib għall-Partijiet, u r-restawr ta' ekosistemi degradati;

(f) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi kontrih;

(g) il-prevenzjoni ta' moviment transfruntier illegali ta' skart perikoluż u skart ieħor u ta' sustanzi qerrieda tal-ożonu;

(h) it-titjib fil-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent mal-kosta u dak tal-baħar u l-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar;

(i) it-titjib fil-kwalità tal-arja ambjentali, il-ġestjoni ambjentalment tajba tal-iskart, tar-riżorsi tal-ilma u tas-sustanzi kimiċi, u l-promozzjoni tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli;

(j) il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli tal-art;

(k) il-promozzjoni tad-delimitazzjoni ta' żoni protetti u l-protezzjoni ta' ekosistemi u żoni naturali, kif ukoll il-ġestjoni effettiva ta' parks nazzjonali, b'konsiderazzjoni dovuta għall-komunitajiet lokali u indiġeni li jgħixu f'dawk iż-żoni jew qrib tagħhom;

(l) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni effettiva fil-kuntest tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;

(m) l-inkoraġġiment tal-iżvilupp u l-użu ta' skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku, ekotikketti u skemi ta' ċertifikazzjoni.

4. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-aċċess reċiproku għall-programmi tagħhom f'dawk l-oqsma, f'konformità mat-termini speċifiċi ta' tali programmi.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex itejbu l-kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih taħt l-UNFCCC.

**Artikolu 40**

**Agrikultura, bhejjem, sajd u żvilupp rurali**

Il-Partijiet jaqblu li jħeġġu d-djalogu u jippromwovu l-kooperazzjoni fl-agrikoltura, il-bhejjem, is-sajd, inkluża l-akkwakultura, u l-iżvilupp rurali. Il-Partijiet ser jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) il-politika agrikola, il-perspettiva agrikola internazzjonali u l-indikazzjonijiet ġeografiċi inġenerali;

(b) il-possibbiltajiet għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ fil-pjanti, l-annimali, l-annimali akkwatiċi u l-prodotti tagħhom;

(c) politiki relatati mat-trattament xieraq tal-annimali;

(d) il-politika dwar l-iżvilupp f'oqsma rurali inkluż programmi ta' bini tal-kapaċità u l-aħjar prattiki fir-rigward ta' kooperattivi rurali u l-promozzjoni ta' prodotti minn żoni rurali;

(e) il-politika dwar il-kwalità għall-pjanti, l-annimali u l-prodotti akkwatiċi;

(f) l-iżvilupp ta’ agrikoltura sostenibbli u favur l-ambjent, l-agroindustrija u t-trasferiment ta’ bijoteknoloġiji;

(g) il-protezzjoni tal-varjetajiet ta' pjanti, it-teknoloġija taż-żrieragħ, it-titjib tal-produttività tal-uċuħ tar-raba', it-teknoloġiji alternattivi tal-uċuħ tar-raba' inkluża l-bijoteknoloġija agrikola;

(h) l-iżvilupp ta’ bażijiet ta’ *data* dwar l-agrikoltura u l-bhejjem;

(i) it-taħriġ fil-qasam tal-agrikoltura, l-oqsma veterinarji u sajd, inkluża l-akkwakultura;

(j) l-appoġġ għal politika sostenibbli u responsabbli tal-baħar u tas-sajd għal perjodu fit-tul inkluż il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta’ riżorsi tal-baħar ta’ mal-kosta u tal-ibħra miftuħa;

(k) il-promozzjoni tal-isforzi sabiex jiġu evitati u miġġielda l-prattiki ta' sajd illegali, mhux rapportat u mhux kontrollat u l-kummerċ assoċjat.

**Artikolu 41**

**Saħħa**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fis-settur tas-saħħa bil-ħsieb li jtejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa li jkopru, *inter alia*, il-mediċina preventiva, mard komunikabbli prinċipali u theddid ieħor għas-saħħa bħal mard komunikabbli prinċipali, kif ukoll ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa.

2. Il-kooperazzjoni għandha ssir l-aktar permezz ta':

(a) skambju ta’ informazzjoni u kollaborazzjoni fil-prevenzjoni bikrija ta’ theddid għas-saħħa bħall-influwenza avjarja u pandemika u mard komunikabbli ieħor b’potenzjal pandemiku;

(b) skambji, boroż ta' studju u programmi ta' taħriġ;

(c) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa u f’waqtha ta’ ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa bħar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (“WHO”) u l-Konvenzjoni ta’ Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tad-WHO.

**Artikolu 42**

**Impjiegi u affarijiet soċjali**

1. Il-Partijiet jaqblu li jtejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjieg u l-affarijiet soċjali, inkluża l-kooperazzjoni dwar il-koeżjoni reġjonali u soċjali, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn is-sessi u x-xogħol diċenti, bil-ħsieb li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jiġi appoġġjat proċess ta’ globalizzazzjoni li huwa ta’ benefiċċju għal kulħadd, u li jiġi promoss l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol diċenti bħala element ċentrali tal-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif approvat mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 60/1 (2005) u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tas-segment ta’ livell għoli tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU tal-5 ta’ Lulju 2006, u b’kunsiderazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (“ILO”) dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008. Il-Partijiet għandhom jieħdu

inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi rispettivi u n-natura differenti tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom.

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu l-prinċipji tal-istandards ewlenin soċjali u dwar ix-xogħol rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, kif imsemmi, b'mod partikolari, fid-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u li jimplimentaw Konvenzjonijiet tal-ILO applikabbli li huma vinkolanti fuqhom. Il-Partijiet ser jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti relatati mal-impjieg u x-xogħol kif miftiehem mill-Partijiet.

4. Il-forom ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, *inter alia*, programmi u proġetti speċifiċi, kif miftiehem b'mod reċiproku, kif ukoll djalogu, kooperazzjoni u inizjattivi dwar suġġetti ta' interess komuni fil-livell bilaterali jew multilaterali, bħall-ASEM, id-djalogu UE-ASEAN u l-ILO.

## Artikolu 43

## Statistika

Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu, minbarra l-attivitajiet eżistenti ta' kooperazzjoni statistika bejn l-Unjoni u l-ASEAN, u soġġetti għal-liġijiet, ir-regoli, ir-regolamenti u l-politiki rispettivi tagħhom, il-bini tal-kapaċità statistika u l-armonizzazzjoni ta' metodi u prattiki tal-istatistika, inkluż il-ġbir u d-disseminazzjoni ta' statistika, biex b'hekk ikunu jistgħu jużaw, fuq bażi reċiprokament aċċettabbli, statistika dwar kontijiet nazzjonali, investiment dirett barrani, kummerċ f'merkanzija u servizzi u, b'mod aktar ġenerali, f'oqsma miftiehma reċiprokament koperti minn dan il-Ftehim li jippermettu l-ġbir, l-ipproċessar, l-analiżi u d-disseminazzjoni ta' *data* statistika.

## Artikolu 44

## Soċjetà ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol u l-kontribut potenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' istituzzjonijiet akkademiċi bħala appoġġ għall-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim, u jaqblu li jippromwovu, sa fejn huwa possibbli, djalogu magħhom u l-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom f'oqsma rilevanti ta' kooperazzjoni, f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli, ir-regolamenti u l-politiki rispettivi tagħhom.

## Artikolu 45

## Amministrazzjoni pubblika

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-ħsieb li jtejbu l-bini tal-kapaċità fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika. Il-kooperazzjoni f'dak il-qasam tista' tinkludi skambju ta' fehmiet dwar l-aħjar prattiki dwar metodi ta' ġestjoni, forniment ta' servizzi, tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u kwistjonijiet ta' trasparenza.

## Artikolu 46

## Ġestjoni ta’ diżastri

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem jiġi minimizzat. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn komuni tagħhom li jippromwovu miżuri ta’ prevenzjoni, mitigazzjoni, stat ta’ tħejjija, rispons u rkupru sabiex iżidu r-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-infrastrutturi tagħhom, u sabiex jikkooperaw, kif xieraq, fil-livell bilaterali u multilaterali sabiex ikun hemm progress lejn dawn l-objettivi.

2. Il-kooperazzjoni tista’ tieħu l-forma ta’, *inter alia*, dawn li ġejjin:

(a) il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tad-diżastri;

(b) il-bini ta' kapaċità;

(c) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni;

(d) il-promozzjoni tal-għarfien pubbliku u l-edukazzjoni ġenerali.

3. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tista’ tinkludi l-kondiviżjoni ta’ informazzjoni dwar għajnuna f’każ ta’ diżastru u ta’ assistenza ta’ emerġenza, b’kont meħud tal-ħidma kemm taċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni għal Rispons ta’ Emerġenza tal-UE kif ukoll dik taċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni għal Assistenza Umanitarja dwar il-Ġestjoni ta’ Diżastri tal-ASEAN.

## TITOLU VIII

## MEZZI TA' KOOPERAZZJONI

### Artikolu 47

### Riżorsi għall-kooperazzjoni

Sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi ta' kooperazzjoni stabbiliti f'dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li jqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi xierqa għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, inkluż mezzi finanzjarji, sa fejn ir-riżorsi u r-regolamenti rispettivi tagħhom jippermettu dan. Dawk l-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, kif xieraq, inizjattivi ta' bini tal-kapaċità u ta' kooperazzjoni teknika, skambju ta' esperti, twettiq ta' studji u attivitajiet oħra miftiehma mill-Partijiet.

### Artikolu 48

### Assistenza finanzjarja u interessi finanzjarji

1. Kwalunkwe assistenza finanzjarja tal-UE taħt dan il-Ftehim għandha tiġi implimentata mill-Partijiet f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-Partijiet ser jikkooperaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom, f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tagħhom. Dawk il-miżuri ser jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-awtoritajiet kompetenti tal-Malasja jistgħu jiftiehmu dwar kooperazzjoni ulterjuri fil-qasam ta' kontra l-frodi.

### Artikolu 49

### Drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jirriżultaw minn arranġamenti ta' kooperazzjoni

Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jirriżultaw minn arranġamenti ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu protetti u infurzati f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rispettiv li ż-żewġ Partijiet huma parti għalih. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika taħt arranġamenti ta' kooperazzjoni individwali eżistenti u futuri.

## TITOLU IX

## QAFAS ISTITUZZJONALI

### Artikolu 50

### Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu taħt dan il-Ftehim Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet f'livell għoli xieraq, li l-kompiti tiegħu għandhom ikunu li:

(a) jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni tajba ta' dan il-Ftehim;

(b) jistabbilixxi prijoritajiet fir-rigward tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim;

(c) jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim;

(d) isib soluzzjoni, fejn applikabbli, għal kwalunkwe differenza jew diverġenza li jirriżultaw mill-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 53;

(e) jeżamina l-informazzjoni kollha ppreżentata minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet fir-rigward ta' nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi, u jwettaq konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra biex ifittex soluzzjoni amikevoli u reċiprokament aċċettabbli għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 53;

(f) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 52(2).

2. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa' mhux inqas minn darba kull sentejn, fil-Malasja u fi Brussell b'mod alternat, f'data li għandha tiġi determinata bi ftehim reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru bi ftehim bejn il-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jitmexxa b'mod alternattiv minn kull waħda mill-Partijiet. L-aġenda għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi determinata bi qbil bejn il-Partijiet.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Dawk il-gruppi ta' ħidma għandhom jippreżentaw rapporti dettaljati dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt f'kull waħda mil-laqgħat tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

## TITOLU X

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### Artikolu 51

### Divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem bħala li jirrikjedi li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tipprovdi kwalunkwe informazzjoni li tqis li l-iżvelar tagħha huwa kuntrarju għall-interessi ta' sigurtà essenzjali tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jipprovdu protezzjoni xierqa għall-informazzjoni kondiviża taħt dan il-Ftehim, b'mod konsistenti mal-interess pubbliku dwar l-aċċess għall-informazzjoni u f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tagħhom.

### Artikolu 52

### Ftehimiet oħra

1. Dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' impenji meħuda mill-Partijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

2. Il-Partijiet jistgħu jikkumplimentaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet speċifiċi fi kwalunkwe qasam ta' kooperazzjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dawn il-ftehimiet speċifiċi għandhom ikunu parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati b'dan il-Ftehim u għandhom jifformaw parti minn qafas istituzzjonali komuni.

### Artikolu 53

### Twettiq ta' obbligi

1. Kwalunkwe differenza jew diverġenza bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi solvuta b'mod amikevoli, permezz ta' konsultazzjoni jew negozjati fi ħdan il-Kumitat Konġunt, mingħajr referenza għal parti terza jew tribunal internazzjonali.

2. Jekk kwalunkwe waħda mill-Partijiet tikkunsidra li l-Parti l-oħra naqset milli tissodisfa xi wieħed mill-obbligi taħt dan il-Ftehim hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra. Il-Partijiet għandhom iwettqu konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli għall-kwistjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt. F'każ li l-Kumitat Konġunt ma jistax jilħaq soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli, il-Parti notifikanti tista' tieħu miżuri xierqa. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "miżuri xierqa" tfisser kwalunkwe miżura rakkomandata mill-Kumitat Konġunt jew is-sospensjoni, parzjalment jew kompletament, ta' dan il-Ftehim.

3. Jekk kwalunkwe waħda mill-Partijiet tikkunsidra li l-Parti l-oħra naqset milli tissodisfa xi wieħed mill-obbligi li huma deskritti bħala elementi essenzjali fl-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 7(1), hija għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra dwar dan il-fatt u l-miżuri xierqa li beħsiebha tieħu. Il-Parti notifikanti għandha tavża lill-Kumitat Konġunt dwar il-

ħtieġa li jorganizza konsultazzjonijiet urġenti dwar il-kwistjoni. F'każ li l-Kumitat Konġunt ma jistax jilħaq soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli fi żmien 15-il jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet, u sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tan-notifika, il-Parti notifikanti tista' tieħu l-miżuri xierqa. Għall-fini ta' dan il-paragrafu "miżuri xierqa" tfisser kwalunkwe miżura rakkomandata mill-Kumitat Konġunt jew is-sospensjoni, parzjalment jew kompletament, ta' dan il-Ftehim jew ta' kwalunkwe ftehim speċifiku fis-sens tal-Artikolu 52(2).

4. Kwalunkwe miżura xierqa meħuda għandha tkun proporzjonata man-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi taħt dan il-Ftehim u ma għandhiex taffettwa l-kontinwazzjoni ta' obbligi oħra taħt dan il-ftehim li mhumiex affettwati mis-sitwazzjoni. Fl-għażla tal-miżura xierqa, għandha tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim jew ta' kwalunkwe ftehim fis-sens tal-Artikolu 52(2).

## Artikolu 54

## Faċilitazzjoni

Sabiex tiġi faċilitata l-kooperazzjoni fil-qafas ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li jagħtu faċilitajiet lill-uffiċjali u l-esperti involuti fil-kooperazzjoni implimentattiva fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

## Artikolu 55

## Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom it-TUE u t-TFUE huma applikati taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Malasja.

## Artikolu 56

## Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-fini ta' dan il-Ftehim, it-terminu "il-Partijiet" tfisser l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, minn naħa, u l-Gvern tal-Malasja, min-naħa l-oħra.

## Artikolu 57

## Żvilupp u emendi futuri

1. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista', bil-miktub, tressaq kwalunkwe proposta għall-espansjoni tal-ambitu tal-kooperazzjoni jew emenda għal kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Kwalunkwe suġġeriment għall-espansjoni tal-ambitu tal-kooperazzjoni għandu jqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim jew ta’ kwalunkwe ftehim imsemmi fl-Artikolu 52(2).

3. Kwalunkwe espansjoni tal-ambitu tal-kooperazzjoni jew emendi ta’ dan il-Ftehim għandhom isiru bi ftehim bil-miktub reċiproku, permezz ta’ ftehimiet jew protokolli supplimentari jew tali strumenti xierqa kif jista’ jiġi miftiehem mill-Partijiet.

4. Dawn il-ftehimiet, protokolli jew strumenti xierqa supplimentari għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li għandha tiġi miftiehma mill-Partijiet u għandhom jikkostitwixxu parti integrali ta’ dan il-Ftehim.

**Artikolu 58**

**Dħul fis-seħħ, applikazzjoni provviżorja u durata**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun notifikat lill-oħra bit-tlestija tal-proċeduri legali meħtieġa għal dan il-għan.

2. Minkejja l-paragrafu 1 u sakemm jidħol fis-seħħ, l-Unjoni u l-Malasja jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju parti minn dan il-Ftehim, kif speċifikat mill-Unjoni, kif stabbilit fil-paragrafu 3, u skont il-proċeduri interni u l-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom kif applikabbli.

3. L-applikazzjoni provviżorja għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha jasal dan li ġej:

(a) in-notifika tal-Unjoni dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dak l-iskop, li tindika l-partijiet tal-Ftehim li għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju; u

(b) id-depożitu min-naħa tal-Malasja tal-istrument ta' ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tiegħu.

4. Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu ta’ ħames snin. Għandu jiġi awtomatikament estiż għal aktar perjodi suċċessivi ta' sena, sakemm waħda mill-Partijiet ma tinnotifikax lill-Parti l-oħra bil-miktub bl-intenzjoni tagħha li ma testendix dan il-Ftehim sitt xhur qabel it-tmiem ta' kwalunkwe perjodu ta' sena sussegwenti.

5. Dan il-Ftehim jista’ jintemm minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet b’avviż bil-miktub lill-Parti l-oħra. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-irċevuta tan-notifika mill-Parti l-oħra.

**Artikolu 59**

**Notifiki**

Notifiki magħmula f’konformità mal-Artikolu 58 għandhom isiru lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Malasja, rispettivament.

**Artikolu 60**

## Test awtentiku

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u dik tal-Malasja, fejn kull wieħed minn dawn it-testi jkollhom l-istess awtentiċità. F'każ ta' kwalunkwe diverġenza fl-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt.

Magħmul fi ………………… [post], dan …………………………….. jum ta' ……… [xahar] fis-sena Elfejn u ...

GĦAR-RENJU TAL-BELĠJU,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

GĦAR-REPUBBLIKA ĊEKA,

GĦAR-RENJU TAD-DANIMARKA,

GĦAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

GĦALL-IRLANDA,

GĦAR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

GĦAR-RENJU TA' SPANJA,

GĦAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TALJANA,

GĦAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

GĦALL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

GĦALL-UNGERIJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

GĦAR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

GĦAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

GĦAR-RUMANIJA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

GĦAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

GĦAR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

GĦAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

GĦALL-UNJONI EWROPEA,

GĦALL-GVERN TAL-MALASJA